**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR211095** **08.06.2021**

## STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER U MILL-UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

***L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati ppreżentat bir-rapport annwali u bir-rapporti finanzjarji tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika 2020 waqt żjara uffiċjali fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farugia għamel żjara uffiċjali fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) fejn ġie milqugħ mill-Awditur Ġenerali Charles Deguara u mid-Deputat Awditur Ġenerali Noel Camilleri.

Matul iż-żjara, l-Awditur Ġenerali ppreżenta r-rapport annwali u r-rapporti finanzjarji tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2020.

F'diskors qasir, l-Ispeaker irrikonoxxa x-xogħol siewi u ta' fejda li jsir f'dan l-uffiċċju kostituzzjonali speċjalment għax ir-rapporti tal-NAO jippermettu skrutinju parlamentari tan-nefqa pubblika. Huwa qal li kemm ilu Speaker tal-Kamra tad-Deputati qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra 126 rapport, liema minnhom 19 ġew ippreżentati fl-2020. L-Ispeaker tenna li dan juri b'mod ċar l-impenn ta' dan l-uffiċċju.

Waqt din iż-żjara, ġie muri videoclip, maħdum in-house mill-istaff tal-NAO li juri b'mod viżwali x-xogħol u l-attivitajiet prinċipali tal-NAO matul is-sena li għaddiet.

Ir-rapport ta' din is-sena kien ibbażat fuq il-Qafas Internazzjonali ta' Rappurtaġġ Integrat żviluppat mill-Kunsill Internazzjonali ta' Rappurtaġġ Integrat. Dan il-metodu jirrappreżenta metodoloġija aktar koeżiva u effiċjenti għar-rappurtaġġ ibbażat fuq ħsieb integrat, li jipprovdi stampa ħolistika tal-istrateġija, il-governanza u l-prestazzjoni tal-Uffiċċju.

Fil-parti introduttorja tar-Rapport, l-Awditur Ġenerali jagħti ħarsa ġenerali lejn ix-xogħol, l-attivitajiet, l-iżviluppi u l-kisbiet tal-NAO għas-sena 2020. Fl-indirizz tiegħu fid-daħla tar-rapport, huwa jagħti ġieħ lill-impenn, il-flessibilità, ir-reżiljenza u l-professjonalità tal-istaff tal-NAO, minkejja l-isfidi konsiderevoli u d-diffikultajiet li ġabet magħha l-pandemija COVID-19. Huwa wassal ukoll l-apprezzament tiegħu lit-tim editorjali, immexxi mid-Deputat Awditur Ġenerali Noel Camilleri, għax-xogħol li sar biex jinġabar il-materjal kollu għal din il-pubblikazzjoni informattiva. Id-Deputat Awditur Ġenerali jirrifletti fuq l-istrateġija tal-NAO għall-perjodu 2019-2023 u josserva li dan il-pjan fit-tul żgura mhux biss titjib kontinwu f'termini ta' produzzjoni iżda wkoll fil-mod kif jaħdem u kif inhu organizzat l-Uffiċċju.



**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

Ir-rapport jinkludi wkoll artiklu storiku dwar 'Lejn it-Twaqqif ta' Uffiċċju tal-Verifika Indipendenti' mill-Professur Godfrey A. Pirotta. Fl-artiklu tiegħu, il-Professur Pirotta ffoka fuq il-bidliet inkrementali li finalment wasslu għat-twaqqif ta' Uffiċċju tal-Verifika indipendenti, u ddeskriva fil-qosor x'involvew dawn il-bidliet.

Ir-rapport fih taqsima ġdida fl-ewwel parti tiegħu li tagħti ħarsa ġenerali lejn l-ambjent estern li fih l-NAO opera fl-2020 u l-effetti li dan kellu fuqu. L-avvenimenti ewlenin li affettwaw lill-Uffiċċju kienu l-pandemija COVID-19, il-finanzi pubbliċi tal-gvern, it-tranżizzjoni preżenti tas-Servizz Pubbliku għas-sistema ta' accrual accounting; u proposti għal riforma kostituzzjonali, leġiżlattiva u istituzzjonali.

Ir-rapport jirrefer wkoll għall-parteċipazzjoni tal-NAO f'numru ta' attivitajiet internazzjonali u lokali. Dawn jinkludu l-parteċipazzjoni attiva tan-NAO f'laqgħat organizzati mill-Grupp li qed jaħdem fuq Proġett dwar il-COVID-19 tal-Organizzazzjoni Ewropea tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (EUROSAI) u l-Grupp ta' Ħidma tal-EUROSAI dwar il-Verifika Ambjentali; kif ukoll il-preżentazzjoni lill-President ta' Malta Dr George Vella u lill-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza Dr Edward Zammit Lewis tal-emendi proposti lill-Kostituzzjoni u l-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika rispettivament. Dawn l-emendi estensivi għandhom l-għan li jtejbu r-rwol, il-funzjonijiet, id-dmirijiet u s-setgħat tal-NAO biex jippermettulu jibqa' istituzzjoni vibranti u rilevanti.

It-tieni parti tar-rapport tipprovdi sommarju ġenerali tal-mudell tan-negozju tal-NAO. Dan il-mudell jirrappreżenta l-proċessi li jittrasformaw l-inputs varji tal-Uffiċċju f'outputs u riżultati li maż-żmien jagħtu valur lid-diversi kapitali tal-NAO - kapital finanzjarju, kapital intellettwali, kapital manifatturat; kapital uman; kapital soċjali u ta' relazzjoni; u l-kapital ambjentali. Din il-parti tiddeskrivi wkoll ir-riskji u l-opportunitajiet li jaffettwaw il-kapaċità tal-Uffiċċju li joħloq aktar valur fil-futur kif ukoll tagħti ħarsa ġenerali lejn l-Istrateġija tal-NAO u x-xogħol u r-riżultati, tas-seba' gruppi ta' azzjoni abbinati mal-istrateġija li kienu stabbiliti biex jimplimentawha.

It-tielet parti tagħti ħarsa ġenerali lejn ix-xogħol imwettaq minn kull waħda mit-taqsimiet tal-NAO, li jinkludu Verifiki Finanzjarji u ta' Konformità, Verifiki ta' Prestazzjoni, Verifiki Speċjali u Investigazzjonijiet, Verifiki tal-IT kif ukoll l-Amministrazzjoni tal-Uffiċċju.

Ir-rapporti finanzjarji awditjati tal-Uffiċċju huma ppreżentati fl-aħħar parti tar-rapport.

Dan ir-rapport hu aċċessibbli minn www.nao.gov.mt jew mill-paġna tal-Facebook www.facebook.com/NAO/Malta.

Tista' tara filmat b'rabta ma' dan ir-rapport minn din il-link Rapport Annwali u r-Rendikonti Finanzjarji tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika - 2020.